MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 53/2007/2

**Atlas Insurance PCC Limited (C5601) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Magro Brothers (Foods) Limited abbazi tal-polza ta’ assigurazzjoni u tal-ligi**

**v.**

**IRISL (Malta) Limited fil-kwalita` taghha ta’ agent tal-bastiment Iran Alam (Iran Ilam skont kif korrett b’digriet tas-17 ta’ Frar, 2010) u in rapprezentanza tal-istess, u lil Malta Freeport Terminals Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li ressqet is-socjeta` attrici fis-16 ta’ Jannar 2007, li jaqra hekk:

“1. Illi s-socjeta` rikorrenti tassigura lis-socjeta` Magro Brothers (Foods) Limited li impurtat gewwa Malta zewg containers kontenenti hwejjeg tal-ikel u cioe` *jelly* u *tomato sauce* li gew danneggjati hawn Malta u cioe` fis-26 ta' April 2006 jew il-gurnata tal-ghada, pero' dejjem waqt li l-istess *containers* kienu fil-pussess u taht il-kontroll tal-konvenuti jew min minnhom.

“2. Illi d-danni sofferti mis-socjeta` assigurata jammontaw ghal Lm6348.47, skond ma jirrizulta minn *survey* maghmul tal-istess *merce*, li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta` rikorrenti, li nefqet *de proprio* s-somma ta' Lm100 biex sar is-*survey* tal-istess oggetti li kienu fil-*containers* in kwistjoni, u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet taghha abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi.

“3. Illi l-istess danni gew kawzati b'rizultat ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni, imperizja jew nuqqas ta' hila fl-ezercizzju tal-professjoni tal-konvenuti jew ta' min minnhom, stante li kien hemm hruq fuq il-vapur IRAN ILAM u meta gew skarikati l-istess *containers* tas-socjeta` assigurata dawn tpoggew prattikament imissu mal-*containers* li kienu hadu n-nar fuq il-vapur u b’hekk giet kawzata u jew kompliet tizdied il-hsara konsiderevolment lill-istess *containers* u l-prodott ta' go fihom, meta n-nar rega' qabad, waqt li l-istess *containers* kienu fuq il-moll.

“4. Illi s-socjetajiet konvenuti mitluba diversi drabi sabiex jaghmlu tajjeb ghall-istess danni baqghu inadempjenti,

“5. Jghidu ghalhekk is-socjetajiet konvenuti jew min minnhom ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

“1. tiddikjara lill-intimati jew min minnhom responsabbli ghad-danni subiti mill-assigurata tas-socjeta` rikorrenti, li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta` assikuratrici rikorrenti, ghar-ragunijiet fuq imsemmija,

“2. jigu likwidati d-danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' Lm6448.47, (kwantu ghal Lm6348.47 hsara attwali fl-imsemmija *merce* li kienet fil-*containers* u kwantu ghall-Lm100 drittijiet professjonali mhallsa lis-surveyor), jew somma verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti, u dan jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi,

“3. is-socjetajiet intimati jigu kundannati jhallsu lis-socjeta` rikorrenti dawk id-danni hekk likwidati minn din il-Qorti – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

“6. Bl-imghax skond il-ligi mit-08 ta' Gunju 2006, data meta sar il-pagament relattiv, u bl-ispejjes komprizi dawk ta' ittra legali tat-28 ta' Novembru 2006, kontra s-socjetajiet konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni taghhom.”

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` konvenuta IRISL (Malta) Ltd. li in forza taghha eccepiet illi:
“1. Illi l-bastiment m.v. Iran Ilam telaq minn Malta mghobbi b'numru ta' *containers* fis-27 ta' April 2006 ghall-habta tas-2.50 am. Ftit wara meta l-vapur kien ghadu fl-ibhra territorjali Maltin ghall-habta tat-3.05 am, irrizulta li merkanzlja gewwa *open top conatiner* numru TEXU 1005330 qabdet in-nar. F'dawn ic-cirkostanzi l-Kaptan tal-bastiment ha d-decizjoni li jerga' jirritorna lejn Malta fil-Malta Freeport sabiex jiskarika dan il-*container*.

“2. Ghall-ewwel u billi t-temp kien pjuttost hazin, l-awtoritajiet Maltin iddirigew Iill-Kaptan biex jiehu l-bastiment fil-vicinanzi ta' Popeye Village biex hemm ikun jista' jitla abbord ufficcjal tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili biex jispezzjona s-sitwazzjoni ta' dan il-*container* abbord.

“3. Wara din l-ispezzjoni ghall-habta tal-5.00 pm, il-bastiment gie mitlub biex javvicina l-Port il-Kbir fejn tliet ufficjali ohra tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili telghu abbord. Kien biss fit-28 ta' April 2006 fis-sighat bikrin ta' filghodu li l-bastiment thalla jidhol lura l-Freeport biex jigi

skarikat il-*container* danneggjat bil-hruq kif ukoll numru ta' *containers* ohra li kienu vicin tal-istess *container* danneggjat, fosthom iz-zewg *containers* li kienu jappartjenu lil Magro Brothers. Dawn il-*containers* gew skarikati mill-bastiment u rilaxxjati lill-Malta Freeport. La l-Kaptan u lanqas l-agent tal-bastiment ma kellhom sehem fil-mod u maniera ta' kif kellhom jinzammu dawn il-*containers* gewwa l-Malta Freeport. Irrizulta li l-*containers* kollha li gew skarikati tpoggew kollha hdejn xulxin imissu ma' xulxin, inkluz il-*container* li lahaq qabad in-nar abbord il-bastiment.

“4. Wara li saret spezzjoni tal-*container* numru TEXU 100533/0 irrizulta illi gewwa fih kien hemm massa ta' *rubber* tat-*tyres* mahruqa u li deher li dan il-materjal qabad in-nar wahdu u spontanjament.

“5. Irrizulta wkoll illi fit-30 ta' April 2006 il-merkanzija gewwa *container* TEXU 100533/0 rega' qabad in-nar u kien konsegwenza ta' dan in-nar f’din it-tieni okkazjoni li *container* ta' Magro Brothers u cioe` *container* numru GESU 260708/7 gie danneggjat bil-hruq tan-nar.

“Illi in vista tal-fatti hawn fuq premessi, l-intimat jeccepixxi :-

“1. Illi mhuwiex responsabbli ghad-danni kawzati billi huwa qeda dmiru u l-obbligi tieghu b'mod responsabbli u agixxa b'mod diligenti bhala *bonus paterfamilias* sakemm il-merkanzija in kwistjoni kienet ghadha fil-kustodja tieghu. Ma jirrizultax li l-hruq tal-*container* abbord il-bastiment avvera ruhu minhabba xi kawza jew nuqqas imputabbli lill-bastiment jew li dan il-hruq fil-fatt ikkawza xi danni fil-*container* l-iehor ta' Magro Brothers waqt li kien ghadu abbord. Mal-mument pero` li l-*containers* in kwistjoni gew skarikati minn abbord il-bastiment u gew fdati lura fil-kustodja ta' Malta Freeport, la l-bastiment u lanqas l-agenti tieghu ma kellhom ebda sehem jew ebda kontroll fid-decizjoni ta' kif u fejn jithallew il-*containers* li gew skarikati minn abbord.

“2. Illi f’kull kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, id-danni pretizi huma limitati a tenur tal-polza ta' kariku u tal-ligi.”

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` konvenuta Malta Freeport Terminals Ltd li in forza taghha eccepiet illi:

“1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-konfront taghha billi l-incident in kwistjoni ma garax bi traskuragini, imperizja jew nuqqas ta' hila tas-socjeta` Malta Freeport Terminals Ltd.

“2. Illi d-dati u l-fatti ikkwotati mis-socjeta' attrici huma skorretti.

“3. Illi l-vapur Iran Ilam, wara li hatt u ghabba *containers* fil-Freeport salpa mill-moll tal-Freeport fis-27 ta' April, 2006 fis-2.45 a.m. Fis-1.09 p.m. ta’ l-istess jum, il-Kaptan tal-vapur baghat messagg lill-agent tieghu f’Malta li *container* TEXU1005330 kien ha n-nar abbord; informa lill-istess agent bin-numri tat-tmien *containers* li kienu ma’ gemb dan il-*container* li kien qabad. Fl-4.13 p.m. ta’ l-istess jum, l-agent Randolph Mamo informa lis-socjeta` Malta Freeport Terminals Ltd bl-incident abbord il-vapur u informa lill-Freeport *"the Iran Ilam is to re-enter MFT in order to discharge unit TEXU 1005330...."*. Ftit wara, il-kaptan tal-vapur, Kamyar Jahangari, informa lill-Freeport illi oltre l-*container* li kien ha n-nar (TEXU1005330), *"kindly arrange to discharge following containers from the vessel for carrying out proper damage investigation by P & I Club"* u ta n-numri tat-tmien *containers* li kienu ma’ gemb il-*container* li ha n-nar. L-istess vapur wasal mal-moll tal-Freeport fit-28 ta' April, 2006 flt-3.20 a.m. u gew *"discharged*" id-disa’ *containers* (dak li kien ha n-nar u t-tmienja li kienu ma’ gembu) fuq il-moll tal-Freeport.

“4. Kuntrarjament ghal dak allegat mis-socjeta` attrici, jirrizulta illi s-socjeta' Malta Freeport Terminals Ltd kienet hadet il-prekawzjonijiet necessarji sabiex il-*containers* jitqeghdu distanza ragonevoli minn xulxin.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Marzu 2010 li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:

"… … il-Qorti hija tal-fehma li s-socjeta` rikorrenti fit-talba taghha hija gustifikata u li s-socjeta` IRISL (Malta) Limited bhala operatur tal-bastiment in kwistjoni qdiet l-obbligi taghha u r-responsabbilta` hija ta' Malta Freeport Terminals Ltd. Kif inghad, l-ammont ta' danni ma giex kontestat, filwaqt li kien gie konfermat minn funzjonarji tas-socjeta` rikorrenti, u ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti fis-sens li tiddikjara lil Malta Freeport Terminals Limited responsabbli ghad-danni subiti mill-assigurata tas-socjeta` rikorrenti ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

"Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' Lm6,448.47 ossija €15,020.89.

"Tikkundanna lis-socjeta` Malta Freeport Terminals Limited thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma hekk likwidata bl-imghax mil-lum, data li l-ammont gie likwidat.

"Spejjez kontra Malta Freeport Terminals Limited."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Gie prezentat affidavit ta' Brian Valenzia direttur tas socjeta' Atlas Insurance PCC Limited fejn qal li fuq struzzjonijiet ta' Magro Brothers (Foods) Limited, is-socjeta' attrici harget Marine Cargo Insurance Policy sabiex tkopri merkanzija konsistenti f'*jelly* u *tomato sauce*, li kellha tintbaghat go zewg *containers* minn Malta ghall-Ingilterra. Semma li l-merkanzlja relattiva telqet minn Malta fis-27 ta' April 2006 abbord il-bastiment Iran llam, izda siegha wara li telaq il-bastiment minn Malta, *container* iehor abbord l-istess bastiment li kien fih *shredded rubber tyres* ha n-nar. Fit-28 ta' April 2006, iz-zewg *containers* assigurati kif ukoll il-*container* li kien fih ix-*shredded rubber tyres* gew zbarkati l-Malta Freeport Terminals Limited u dawn tpoggew prattikament hdejn

xulxin. Fit-30 ta' April 2007 il-*container* li kien fih ix-*shredded rubber tyres* rega' qabad u dan kompla jzid il-hsara li kienet giet ikkawzata minn fuq il-bastiment Iran Ilam.

“Fl-24 ta' Mejju 2007 fil-presenza tas-Sur Joseph Buhagiar rappresentat tal-P & I Club ghall-IRISL, kienu ghamlu *survey* tal-merkanzija assikurata ghand is-socjeta' Magro Brothers fejn kien instab illi parti mill-konsenja tal-*jelly* kellha l-*packing* mahruq u parti kbira mill-konsenja kienet danneggjata bis-shana qawwija kawzata min-nirien. Din il-merkanzija li kienet danneggjata kienet giet distrutta peress li ma kienux tajbin ghal konsum. Qal li l-parti li kellha l-packing danneggjat cioe` 748 *trays tomato ketchup* ma kienux esposti ghall-istess ammont ta' shana u ghaldaqstant kienu taw kumpens lil Magro Brothers ta' 35% tal-valur fuq l-*invoice*. B'rizultat tal-polza ta' assigurazzjoni fuq imsemmija, is-socjeta' attrici ikkompensat lill-Magro Brothers (Foods) Limited tat-telf li garrbet u cioe' il-valur tal-merkanzija effetwata, u din is-somma ta' Lm6348.47 u hekk surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha. Zied jghid li s-socjeta' attrici hallset ukoll is-somma ta' Lm100.00 bhala *survey fees*. Ghalkemm huma, kif ukoll l-assigurat taghhom kienu talbu lis-socjetajiet konvenuti sabiex ihallsu s-somma mitluba fil-kawza, huma baqghu ma hallsux u ghalhekk taw istruzzjonijiet lill-avukat sabiex jipprocedi bil-kawza odjerna.

“Gie prezentat affidavit ta' Peter Saliba, *claims handler* mas-socjeta' Atlas Insurance PCC Limited fejn qal li fit-2 ta' Mejju 2006, is-Sur Joe Attard rappresentant tas-socjeta' Magro Bros (Foods) Limited kien cemplilhom biex jaghmel *claim* taht il-polza relattiva. Ikkonferma l-fatti msemmija mix-xhud precedenti u li l-valur tal-merkanzija affetwata kien ta' Lm6348.47.

“Xehed Joseph Buhagiar, *Cargo Surveyor* ma’ H. Vassallo Limited li semma li fis-26 ta’ April 2006 gew mitluba mill-IRISL bhala *owners* tal-vapur biex f’isem il-P&I imorru ghax kien hemm kaz ta’ hruq fuq wiehed mill-*containers* abbord il-vapur. Semma li xi 8 *containers* tnizzlu minn fuq

il-vapur ghax il-kaptan xtaq li ma jkunx hemm aktar periklu fuq il-vapur peress li setghu gew affettwati min-nirien. Il-kontenut tal-*container* kien *rubber tyres*, bicciet zghar u l-*container* li kien tahtu u li ma kienx ta' Magro Brothers inharaqlu t-*top* tieghu. Semma li meta mar jaghmel is-*survey* kien hemm zewg *surveyors*, Paul Ellul u Charlo Bartolo. Il-*containers* tpoggew fejn xulxin b'20 centimetru 'l boghod minn wiehed ghall-iehor. Wiehed minn dawn il-*containers* kien ta' Magro Brothers. Wara sar jaf minghand l-agent tal-vapur li kien hemm it-tieni hruq, u kellu jaghmel *survey* iehor. Wiehed mill-*containers* ta' Magro Brothers kien tajjeb waqt li l-iehor kellu l-hsara. Zied li wara l-ewwel hruq hu u s-*surveyors* l-ohra ma tawx struzzjonijiet lill-Freeport kif ghandhom jitqeghdu l-*containers*. Il-Freeport poggiet il-*containers* fejn is-soltu jpoggu d-*damaged containers*.

"Xehed Charlo Bartolo li kien jahdem bhala *surveyor* mal-MSB Valletta Limited fejn semma li hu kien appuntat mis-socjeta` Gasan Mamo Insurance Limited biex jezamina container li kien abbord il-vapur li ha n-nar. Qal li fit-28 ta' April nizlu xi 8 *containers* minn fuq il-vapur l-art u ntefghu fil-Freeport fuq in-naha ta' wara fejn ikun hemm *containers* eziljati minn ohrajn. Qal li l-*containers* tpoggew kollha fejn xulxin bil-bibien 'il barra, imissu ma' xulxin. Zied li l-*container* li rega' ha n-nar ma kienx dikjarat bhala *hazardous cargo* u kien sorpriz hafna kif rega' qabad in-nar.

"Xehed Paul Ellul, *general surveyor* mal-Marine Services and Consultancy Limited u qal li hu kien appuntat mill-Ocean & Sky Logistics biex jinvestiga l-*container* TEXU 1005330 li qabad in-nar waqt li kien abbord il-vapur. Semma li fil-*container* kien hemm *shredded rubber* u fuq in-naha ta' wara tal-*container* parti minnu kien qabad in-nar. Jumejn wara kienu ikkuntattjawh ghax waqt li kien il-Freeport dan il-*container* rega' ha n-nar wahdu.

"Semma li fit-3 ta' Mejju wara t-tieni hruq, rega' ra l-*open top* TEXU fejn kien fuq il-gemb u kien danneggjat. Kien hemm zewg *containers* ohra li kienu gew affettwati. Wiehed igib in-numru IRSU 401391 li kien mahruq minn

barra fuq in-naha tax-xellug pero` kien ghadu sigillat u l-iehor igib in-numru GSU 3156584 li kellu konsenja ta’ *food stuff*. Semma li l-*container* kien issigillat b’*seal number* Magro 001154. Semma li fl-ewwel *survey* hadd ma talab li l-*containers* li tnizzlu minn fuq il-vapur jigu mqiegheda f’xi pozizzjoni differenti. Kienu qeghdin sew u mill-informazzjoni li kellu l-*container* li ha n-nar mhux suppost li kellu konsenja perikoluza. Qal li hu ma ghaddielux minn mohhu jew issuspetta li l-*container* ser jerga’ jiehu n-nar. Semma li fuq il-vapur kien hemm zewg *containers* ohra bl-istess *shredded tyres* u ma gralhom xejn.

“Xehed Martin Darmanin, *Claims and Queries Supervisor* u qal li l-*container* in kwistjoni kien gie mghobbi abbord il-vapur IRAN ILAM ma’ *containers* ohra fis-27 ta’ April 2006. Kienu rcevew notifika minghand il-kaptan li l-vapur irid jerga’ lura l-Malta Freeport minhabba li *container* partikolari ha n-nar. Semma li l-*containers* fuq il-vapur ikunu mghobbijin ma’ gemb xulxin, xi erba’ pulzieri ’l boghod minn xulxin. Fit-28 ta’ April 2006 il-vapur wasal lura l-Freeport u l-kaptan talabhom inizzlu l-*container* li ha n-nar u tmien *containers* ohra li kienu madwaru. Qal li l-*container* kien tnizzel minn fuq il-vapur mitfi u kien poggewh mat-tmien *containers* l-ohra f’*hinderland area*. Dawn ikunu ’l boghod minn xulxin differenza ta’ 12-15 feet container minn iehor. Qal li xi jumejn wara dan il-*container* rega’ ha n-nar. Il-*container* kien *open top* jigifieri s-saqaf ikun tal-*canvas* u ghalhekk tas-Civil Protection biex jiggieldu n-nar kienu qalbu l-*container* fuq il-genb tieghu.

“Semma li wara li gie lura l-*container* kien hemm rapport dwar il-hsarat. Il-*container* ma kienx indikat bhala *dangerous cargo* u huma ma kellhom ebda indikazzjoni x’kien fih il-*container*. Qal li huma ma kienux ezaminaw il-kontenut tal-*container* wara l-ewwel hruq. Il-Freeport jistghu jifthu l-*container* biss meta jghidilhom il-klijent jew l-agent u mhux minn jeddhom. Wara sar is-*survey* fil-prezenza tas-*security* taghhom. Peress li ma kellhomx permess biex jinfetah il-*container* huma kienu poggewh ‘*in a segregated area*’. Qal li bejn l-ewwel u t-tieni hruq huma ma staqsewx lill-agent biex jezaminaw il-kontenut.

**“D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

“Irrizulta li s-socjeta` rikorrenti kienet assigurat lis-socjeta` Magro Brothers (Foods) Limited zewg *containers* kontenenti *jelly* u *tomato sauce* li gew danneggjati hawn Malta u cioe` fis-26 ta' April 2006 jew il-gurnata ta’ l-ghada, pero` dejjem waqt li l-istess *containers* kienu fil-pussess u taht il-kontroll ta’ l-intimati jew min minnhom u li d-danni sofferti minnha kienu jammontaw ghal Lm6348.47 (€14,787.96) skond ma irrizulta mis-*survey report* li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta` rikorrenti meta nefqet is-somma ta' Lm100 biex sar dan is-*survey* u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet taghha abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni.

“Ir-rikorrenti sostniet li dak li gara kien b'rizultat ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni, imperizja jew nuqqas ta' hila fl-ezercizzju tal-professjoni ta’ l-intimati jew min minnhom stante li kien hemm hruq fuq il-vapur IRAN ILAM u meta gew skarikati l-istess *containers* tas-socjeta` assigurata minn fuq l-imsemmi vapur dawn tpoggew prattikament imissu mal-*container* li kien ha n-nar fuq il-vapur u b'hekk giet kawzata u jew kompliet tizdied il-hsara konsiderevolment lill-istess *containers* u l-prodott ta' go fihom, meta n-nar rega' qabad.

“L-IRISL (Malta) Limited ikkontendiet li mhix responsabbli ghad-danni kawzati ghax il-kaptan kien qeda dmiru b’mod responsabbli meta l-merkanzija kienet fil-kustodja tieghu. Meta l-*containers* gew skarikati minn abbord gew fdati fil-kustidja tal-Malta Freeport. Min-naha taghha l-Malta Freeport Terminals Limited insistiet li hi hadet il-prekawzjonijiet necessarji biex il-*containers* jitqieghdu distanza ragjonevoli minn xulxin.

“Irrizulta li:

- li kien hemm hruq fuq il-vapur,

- li dan il-hruq origina minn *container* partikolari,

- li dan il-*container*, flimkien ma' tmien *containers* ohra tnizzlu minn abbord,

- la l-Kaptan u lanqas l-agent tal-bastiment ma kellhom sehem fil-mod u maniera ta' kif kellhom jinzammu dawn il-*containers* gewwa l-Malta Freeport.

- li dawn il-*containers* kollha tpoggew f’arja partikolari tal-Malta Freeport, u mhux ma' containers ohra,

- li dawn il-*containers* tpoggew hdejn xulxin,

- li rega' kien hemm in-nar fl-istess *container* li kien qabad,

- li l-prodott tas-socjeta` assigurata mis-socjeta` rikorrenti sofriet hsara fil-merkanzija taghha li kienet f’wiehed mill-*containers* li tnizzel minn abbord.

“Ikkunsidrat li:

“Il-Malta Freeport Terminals Limited kellha l-obbligu li tiehu hsieb l-oggetti bhala *bonus paterfamilias*; kellha l-obbligu li tissorvelja li ma jergax ikun hemm nar fuq l-istess *containers* specjalment meta kienet gja taf li kien hemm hruq precedenti; kellha l-obbligu li tqieghed dawn il-*containers* b’mod lijek ikun hemm hruq fuq wiehed, dan ma jilhaqx il-*containers* l-ohra; anke l-istess socjeta` kienet irrealizzat tan-necessita` ta’ kura specjali u poggiet l-istess containers f’*area* riservata; li l-container li ha n-nar precedentement kellu prodott kombustibbli u kien *container open top*. Izda l-*containers* tpoggew distanza ta’ xi 20 centimetru boghod minn xulxin u dan il-fatt jirrizulta apparti minn xi depozizzjonijiet, anke mill-fatt li meta rega’ qabad il-*container* li kien fih it-*tyres*, qabdu wkoll *containers* ohra fil-vicin. Il-hsara li grat fil-containers l-ohra meta n-nar ha t-tieni darba gralha hekk minhabba l-vicinanza mal-ewwel *container*.

“Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li hekk kif dawn il-*containers* gew skarikati minn abbord il-bastiment, il-

bastiment ma baqax responsabbli jew fil-pussess ta' dawn il-*containers* bil-konsegwenza ghalhekk illi ghal dak li gara wara dan l-istadju jirrispondu ghalih l-intimati l-ohra Freeport Terminals Limited. Is-socjeta` Malta Freeport Terminals Limited kienet fid-dmir li tistiva l-*containers* b'mod li tigi evitata hsara ulterjuri, partikolarment f'cirkostanza meta seta' kien prevedibbli li bhal ma irrizultaw nirien spontanji fil-*container* in kwistjoni, seta' facilment jew almenu ma setax jigi eskluz li jitfaccaw nirien ohrajn mill-istess merkanzija kif fil-fatt irrizulta.

"Jinghad ukoll li ebda wiehed mill-intimati ma ikkontesta l-ammont tal-hsarat li sofriet is-socjeta` assigurata mis-socjeta` rikorrenti.

"Illi s-socjeta` intimata Malta Freeport Terminals Limited, biex tiskolpa lilha nfisha sostniet li l-agent tal-*container* TEXU1005330 ma kienx indika li l-materjal ta' go fih kien perikoluz. Izda din hi haga li tikkoncerna lill-imsemmi agent u l-istess socjeta`, izda mhux il-kontendenti l-ohra odjerni. L-istess socjeta` intimata ssemmi li l-*containers* skarikati gew imqeghda fuq art imsejha *hinderland* – mhux fuq il-moll mal-*containers* l-ohrajn – sabiex issir "*a proper damage investigation by P&I Club".* Dan ikompli juri kemm l-istess socjeta` intimata hasset il-bzonn li tittratta l-kaz b'mod specjali u li taghmel l-investigazzjonijiet necessarji fuq il-*container* li kien ha n-nar, inkluz fil-fehma tal-Qorti, sorveljanza veloci u adegwata biex ma jergax jiehu n-nar. Il-Qorti tirrileva li l- l-*container* in kwistjoni kien *'open-container'* cioe` ma kellux saqaf tal-metall izda kellu saqaf tal-*canvas*, u ghalhekk seta' facilment jigi ezaminat ghall-kontenut tieghu b'mod li s-socjeta` intimata setghet facilment tkun taf li l-materjal kien kombustibbli.

"Ghalhekk mhux applikabbli dak li gie sottomess fin-nota ta' osservazzjonijiat tal-konsulent legali tas-socjeta` intimata Malta Freeport Terminals Limited:

""Jinghad qabel xejn, illi l-Ligi ma tghati ebda dritt fil-Freeport li tiftah *container* jekk mhux fuq talba specifika tal-Pulizija jew tal-Awtorita` Doganali u l-ftuh tal-container irid isir fil-presenza tal-agent. Il-Freeport ma tkunx taf il-

kontenut ta’ *container* u l-agent ghandu dmir biss li jinforma lill-Freeport jekk hemmx materjal perikoluz f’*container* partikolari; f'dan il-kaz ma kien hemm ebda indikazzjoni li l-*container* kien fih materjal perikoluz. Una volta li l-Freeport ma kellhiex ghaliex tahseb illi kien hemm materjal perikoluz fil-*container*, hija ma kelliex ghaliex tiehu prekawzjonijiet specjali fil-kaz in dizamina.”

“Izda tali obbligu ta’ prekawzjonijiet certament li qam wara li l-*container* ha n-nar l-ewwel darba, u ghalhekk mhux kif gie sottomess li “Wara l-incident, kullhadd isir bravu”. Tant li kif tqeghdu l-*containers* fil-*hinderland* ma kienx sodisfacenti, kuntrarjament ghal dak sostnut mis-socjeta` Malta Freeport Terminals Limited li fil-fatt ha n-nar.

“Is-socjeta` Malta Freeport Terminals Limited tipprova tghid li xi parti mill-hsarat saru waqr l-ewwl hruq, izda in sostenn ta’ din l-allegazzjoni ma ngiebet ebda prova. Huwa veru li dan huwa possibbli, izda l-Qorti ghandha l-obbligu li toqghod fuq il-provi u mhux fuq il-possibiltajiet.

“Fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet taghha s-socjeta` intimata Malta Freeport Terminals Limited sostniet:

““Il-figura tas-socjeta' konvenuta f'dawn ic-cirkostanzi kienet dik ta' depozitarju tal-*containers*, li skond il-Ligi nostrali, ghandu jiehu hsieb tal-haga taht depozitu daqs kemm jiehu ta' l-oggetti fil-kustodja tieghu (Art. 1899 tal-Kap. 16). Id-depozitu hu volontarju jew necessarju (Art. 1895, Kap. 16); id-depozitu in kwistjoni kien wiehed necessarju (Art. 1920). Il-livell tal-kura tad-depozitarju tvarja jekk id-depozitu jkun volontarju jew depozitu necessarju; fl-ewwel ipotesi (i.e. depozitu volontarju li ghandu l-elementi msemmija fl-Art. 1900 tal-Kap. 16) id-depozitarju jwiegeb ghal kull negligenza, tkun kemm tkun zghira filwaqt illi fit-tieni ipotesi (i.e. depozitu necessarju) mhux mistenni l-istess grad ta' kura mid-depozitarju. Is-socjeta' esponenti rceviet *containers* li dwarhom ma kien hemm ebda indikazzjoni li jikkontjenu materjal perikoluz.”

“Kif gja nghad aktar ’il fuq, il-fatt li l-agent ta’ TEXU1005330 ma ghamel ebda dikjarazzjoni, ma

taffettwax lill-kontendenti l-ohra tal-kawza odjerna izda trid tigi ezaminata possibbilment fid-dawl ta’ proceduri bejn il-partijiet koncernati. Fil-fehma tal-Qorti l-possibbilta` ta’ hruq iehor kien ragjonevolment prevedibbli u kien hemm negligenza qawwija meta ma sarx ezami ulterjuri tas-sitwazzjoni b’mod li rega’ ha n-nar.”

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` Malta Freeport Terminals Ltd li in forza tieghu, ghar-ragunijiet fih premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha:

“… … tirrevoka u thassar is-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili moghtija fl-ismijiet fuq premessi fil-5 ta’ Marzu 2010, u tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talbiet attrici fl-intier taghhom fil-konfront taghha, filwaqt illi tilqa’ l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` appellanti; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellata.”

Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici li in forza taghha ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

“… … illi l-appell intavolat mill-appellanti jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellanti u b’hekk it-talbiet attrici jigu milqugha bl-imghax skond kif konfermat bis-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti sal-gurnata tal-effettiv pagament.”

Rat ir-risposta tas-socjeta` IRISL (Malta) Ltd li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, tissottometti illi s-sentenza appellata, inkwantu gie deciz li hija ma kinitx responsabbli ghall-incident inkwistjoni, ghandha tigi konfermata;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi fis-27 ta’ April 2006 il-vapur Iran Ilam, li taghha d-ditta IRISL (Malta) Ltd hija agent, telaq minn Malta wara li

ghabba numru ta’ *containers* mill-Freeport gewwa Marsaxlokk. Hekk kif il-vapur kien ghadu fl-ibhra territorjali Maltin, *container* li kien jikkontjeni *shredded tyres* ha n-nar. Dan in-nar gie kontrollat mill-ekwipagg tal-vapur, izda l-kaptan tal-bastiment iddecieda li jidhol lura fil-port ta’ Malta sabiex jiskariga kemm il-*container* li ha n-nar kif ukoll tmien *containers* ohra li kienu stivati vicin tieghu abbord il-bastiment; tnejn minn dawn il-*containers* kienu jappartjenu lil Magro Brothers. Dawn id-disa’ *containers* tpoggew f’post imwarrab fil-Freeport, f’*area* maghrufa bhala hinterland, u dan sakemm isiru l-investigazzjonijiet mehtiega. Il-*containers* tpoggew hdejn xulxin, bil-*cargo surveyor* Joseph Buhagiar jghid li tpoggew fejn xulxin b’xi 20 centimetru ’l boghod minn wiehed ghall-iehor.

Xi jumejn wara li l-*containers* gew skarikati, il-merkanzija gewwa l-*container* li kienet hadet in-nar fuq il-vapur regghet qabdet, bil-konsegwenza li sehhet hsara fil-*containers* ta’ Magro Brothers li kienu stivati vicin dak li ha n-nar; saret hsara lill-*containers* u lill-prodotti tal-ikel li kien hemm f’dawn iz-zewg *containers*. Peress li s-socjeta` Magro Brothers kienet assigurata mas-socjeta` attrici, din hallset ghad-danni u giet surrogata fid-drittijiet tal-istess Magro Brothers. Is-socjeta` assikurattrici, permess ta’ din il-procedura, qed titlob li tigi rimborsata l-flus li harget ammontanti, inkluz drittijiet professjonali mhallsa lis-*surveyor*, ghal sitt elef, erba’ mija, tmienja u erbghin Liri Maltin u sebgha u erbghin centezmi (Lm6,448.47) (illum hmistax-il elf u ghoxrin Ewro u disgha u tmenin centezmi [€15,020.89]).

L-ewwel Qorti sabet favur is-socjeta` attrici izda biss in relazzjoni mal-Malta Freeport Terminals Ltd, peress li sabet li l-hsara fil-merce saret bit-tieni hruq meta l-*containers* kienu taht il-kustodja u r-responsabbilta` taghha u ghax din naqset li tiehu l-prekawzzjonijiet mehtiega biex jigi evitat trasmissjoni ta’ hsara minn *container* ghall-iehor.

Il-Malta Freeport Terminals Ltd appellat mis-sentenza u tissottometti li l-hsara fil-*containers* ta’ Magro Brothers ma kienx tort taghha, li ma kienx hemm prova dwar meta

sehhew id-danni u li, f'kull kaz, dak li sehh kien kollu rizultat ta' casus.

Trattat l-appell din il-Qorti tqis li, mill-provi jirrizulta car li xi forma ta' responsabbilta` ghandha zgur iggorr is-socjeta` appellanti Malta Freeport Terminals Ltd. Hu veru li din irceviet *container* issiggilat u ma kinitx taf x'fih; ma kien hemm ebda indikazzjoni li l-materjal ta' gol-*container* li ha n-nar kien perikoluz b'xi mod. Darba li pero`, dan il-*container* ha n-nar fuq il-vapur u tnizzel lura minn abbord, ma jistax jinghad, kif qed tissottometti din il-kumpanija, li ma kienx jidher illi kien hemm xi minaccja ulterjuri ta' nirien. Il-logika u s-sens komun kienu jiddettaw li dan il-*container* partikolari jigi izolat u mqieghed f'post ghalih u wahdu, u mhux vicin *containers* ohra. Il-kumpanija kienet taf li l-ewwel nar li sehh abbord gie kontrollat mill-ekwipagg tal-vapur, u setghet tissoponi li bil-mezzi limitati disponibbli fuq vapur l-ezercizzju mhux necessarjament ikun wiehed komplet u effettiv. Il-kawza tal-hruq ma gietx identifikata u izolata, b'possibilita` li n-nar jerga' jaqbad, kif fil-fatt gara. Meta l-*container* tnizzel lura, is-socjeta` appellanti <u>issa</u> kienet taf li ghandha problema fuq idejha, u bhala depozitarju tal-*containers* kellha tagixxi bhala *bonus paterfamilias*, u kellha ghalhekk tbieghed dak il-*container* mill-ohrajn. X'kienet id-distanza bejn *container* u iehor mhux daqshekk materjali – kif inghad, is-*surveyor* xehed li d-distanza kienet biss ta' 20 centimetri, ghalkemm is-socjeta` appellanti tghid li d-distanza kienet akbar – ghax bhala fatt jirrizulta li ma kienx hemm distanza bizzejjed biex l-istess nar, li qabad, ma jikkagunax il-hsara li attwalment ikkaguna fil-*containers* stivati hdejh.

Is-socjeta` appellanti kienet taf li l-*container* li qabad kien *open top*, jigifieri b'saqaf tal-*canvas*. Mhux biss, allura, setghet tispezzjona l-merkanzija, izda jekk il-*container* kien qabad minghajr forza estraneja (ma rrizultax li kien hemm xi id ta' terz fl-incident), isegwi illi l-kumpanija appellanti kellha tiehu prekawzjonijiet akbar, biex tassigura li jekk il-kontenut tal-*container* jerga' jiehu n-nar, ma jkunx ta' perikolu ghall-*containers* l-ohra stivati hdejh. Ir-riskju din id-darba kien car u evidenti, u kien dmir taghha li tizola dak il-*container* minn kull haga ohra. Dan

ma ghamlitux u, allura, ghandha titqies responsabbli ghall-incident.

Fil-kuntest tat-tieni aggravju, jirrizulta li t-tieni darba li l-*container* ha n-nar dan kien izjed qawwi mill-ewwel nar li sehh abbord. Bhala fatt jirrizulta li dan il-*container* partikolari ha n-nar meta kien fil-kustodja tal-Malta Freeport Terminals Ltd u dan it-tieni incident zgur li, almenu kif johrog mill-provi, *"kompla jzid il-hsara"* li sofrew il-*containers* u l-merkanzija ta' Magro Brothers. Isegwi li xi qies ta' responsabbilta` ghandha zgur din is-socjeta` appellanti. Din is-socjeta` pero`, tissottometti li anke l-vapur ghandu jgorr parti mir-responsabbilta`. Meta ssir din id-difiza, huwa l-konvenut almenu in parte responsabbli li jrid jipprova l-grad ta' kontributorjeta` tal-konvenut l-iehor. Kif qalet il-Qorti ta' Ghawdex Gurisdizzjoni Superjuri, fil-kawza **Xerri v. Rapa**, deciza fl-10 ta' Awwissu 2009, u b'approvazzjoni ta' dak li jinsab enuncjat fil-ktieb 'Elliot and Phipson Manual of the Law of Evidence':

*"Hu principju li "in most civil actions, the burden of the issues is divided, each party having one or more cast upon him. Certainly if the defendant responds to a claim, not by merely denying its existence, but by raising a defence to it, the burden of proving all the elements of the defence will be on him … … …. And in negligence, the onus of proving the negligence is upon the plaintiff, but if the defendant pleads contributory negligence, the onus of proving it is upon him".*

(Sottolinear ta' din il-Qorti)

Din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament, ghax meta l-attur jipprova n-ness bejn il-hsara li garrab u l-agir tal-konvenut, jekk dan irid jiskolpa ruhhu billi jitfa' t-tort jew xi parti minnha fuq xi hadd iehor, irid hu jipprova li kien dan it-terz il-kagun tal-hsara u mhux hu.

Is-socjeta` appellanti ma rnexxiliex tipprova la li l-vapur kellu xi tort ghall-akkadut lanqas li xi parti mill-hsara sehhet meta l-*containers* kienu fuq il-vapur. Li jirrizulta zgur hu li l-merkanzija garrbet hsarat ingenti u dan gie

konstatat wara li l-*containers* gew ezaminati wara li sar il-hruq fil-Malta Freeport. Jekk din riedet tikkawtela l-interessi taghha, messa insistiet li jsir *survey* tal-kontenut tal-*containers* hekk kif dawn tnizzlu minn abbord il-vapur. Hi ma ghamlet xejn minn dan, u fin-nuqqas ta' prova ulterjuri, ghandha tinzamm responsabbli ghall-hsara li rrizulta wara l-hruq li sehh meta l-*containers* kienu fil-kustodja taghha.

Is-socjeta` appellanti tissottometti bhala t-tielet aggravju taghha illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament illi d-danni reklamati mis-socjeta` attrici joriginaw minn incident illi sehh b'xi *casus*. Jista' jkun li n-nar sehh b'*casus*, pero`, il-hsara fil-proprjeta` tal-assigurat tas-socjeta` attrici kien rizultat ta' ghemil skorrett da parti tas-socjeta` appellanti meta stivat il-*containers* l-ohra mhux bizejjed boghod minn xulxin, biex fl-eventwalita` li jerga' jissuccidi dak li ssuccida – li kien possibbli darba li l-kawza tal-incendju ma kienx gie identifikat u isolat – ma tigri ebda hsara lill-*containers* l-ohra. Biex it-*tyres* inkwistjoni hadu n-nar, xi haga hazina kien hemm, u jekk l-incident sehh darba, jekk thalla kollox kif kien, kien hemm possibilta` li l-incident jerga' jsehh, u kien dover tal-kustodju li jiehu l-prekawzzjonijiet indikati u opportuni fil-kaz.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-socjeta` Malta Freeport Terminals Ltd u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-imghax jiddekorri mid-data tal-ewwel sentenza kif hemm stabbilit.
L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta` appellanti Malta Freeport Terminals Ltd.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------